Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0288(COD)

7.6.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu għal armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) (riformulazzjoni)
(COM(2022)0480 – C9-0365/2022 – 2022/0288(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Emil Radev

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu għal armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimentaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali, hija ta' importanza kbira. Il-manifattura u t-traffikar illeċiti tal-armi tan-nar joħolqu theddid sinifikanti għas-sikurezza, is-sigurtà u l-istabbiltà pubblika, kemm fi ħdan il-fruntieri nazzjonali kif ukoll bejniethom.

Billi nippromulgaw miżuri robusti ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu, nistgħu nsaħħu l-kapaċità tagħna li nipprevjenu, nidentifikaw u niġġieldu dawn l-attivitajiet kriminali, filwaqt li nnaqqsu d-disponibbiltà ta' armi tan-nar illegali f'idejn il-kriminali u l-organizzazzjonijiet terroristiċi. Billi nistabbilixxu kontrolli stretti, inklużi rekwiżiti effettivi ta' liċenzjar, immarkar u żamma ta' rekords, nistgħu nintraċċaw il-moviment tal-armi tan-nar u niżguraw li dawn jintużaw biss għal skopijiet awtorizzati. Dan se jgħin biex jipprevjeni d-devjazzjoni ta' armi tan-nar akkwistati legalment fi swieq illeċiti u jnaqqas ir-riskju li jintużaw ħażin għal attivitajiet kriminali jew abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

L-emendi proposti mir-rapporteur ta' din l-opinjoni għandhom l-għan li jsaħħu r-rapport dwar dawn il-kwistjonijiet kritiċi. Uħud mill-kwistjonijiet ewlenin li jindirizza r-rapporteur huma d-disponibbiltà li s-sistema elettronika l-ġdida ta' liċenzjar tiġi interkonnessa ma' kwalunkwe sistema nazzjonali eżistenti, sabiex l-awtorizzazzjonijiet tal-importazzjoni u l-esportazzjoni kollha mogħtija jkunu disponibbli f'bażi tad-data ċentrali waħda; it-tisħiħ tal-protezzjoni tad-data personali; il-possibbiltà li d-deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti jiġu appellati f'ċerti każijiet; kif ukoll dispożizzjonijiet ġodda rigward il-prova tar-riċeviment, għal traċċabbiltà aħjar tal-ispedizzjonijiet tal-armi tan-nar.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġu evitati r-riskji ta' devjazzjoni filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv, hu meħtieġ li jiġu investigati sitwazzjonijiet suspettużi li fihom l-Istati Membri jenħtieġ li jitolbu konferma ta' riċeviment mill-awtoritajiet	(30) Sabiex jiġu evitati r-riskji ta' devjazzjoni filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv, hu meħtieġ li jiġu investigati sitwazzjonijiet suspettużi li fihom l-Istati Membri jenħtieġ li jitolbu konferma ta' riċeviment mill-awtoritajiet

tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni.	tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni. ***Jekk, għal kwalunkwe raġuni, dik il-konferma tar-riċeviment ma tkunx tista' tinkiseb, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tiġi rreġistrata fis-sistema elettronika ta' liċenzjar għal referenza futura.***
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) L-infurzar ġenerali ta' dan ir-Regolament se jiġi ffaċilitat bl-interkonnessjoni bejn is-sistema elettronika ta' liċenzjar stabbilita b'dan ir-Regolament u l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bi [daħħal it-titolu korrispondenti u l-informazzjoni kollha fin-nota f'qiegħ il-paġna mal-adozzjoni]. Is-sistema elettronika ta' liċenzjar se tipprovdi għadd ta' karatteristiċi, inkluża r-reġistrazzjoni ta' operaturi ekonomiċi u persuni fiżiċi, li skont id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar huma awtorizzati jimmanifatturaw, jakkwistaw, jippossjedu jew jinnegozjaw b'armi tan-nar, bil-komponenti essenzjali u bil-munizzjon tagħhom, jew b'armi tal-allarm u tas-sinjal. Qabel jitolbu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni jridu jirreġistraw. Konsegwentement, id-detenturi tal-armi tan-nar li jibbenefikaw mis-simplifikazzjonijiet amministrattivi ma għandhomx għaliex jirreġistraw fis-sistema.	(42) L-infurzar ġenerali ta' dan ir-Regolament se jiġi ffaċilitat bl-interkonnessjoni bejn is-sistema elettronika ta' liċenzjar stabbilita b'dan ir-Regolament u l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bi [daħħal it-titolu korrispondenti u l-informazzjoni kollha fin-nota f'qiegħ il-paġna mal-adozzjoni]. Is-sistema elettronika ta' liċenzjar se tipprovdi għadd ta' karatteristiċi, inkluża r-reġistrazzjoni ta' operaturi ekonomiċi u persuni fiżiċi, li skont id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar huma awtorizzati jimmanifatturaw, jakkwistaw, jippossjedu jew jinnegozjaw b'armi tan-nar, bil-komponenti essenzjali u bil-munizzjon tagħhom, jew b'armi tal-allarm u tas-sinjal. Qabel jitolbu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni jridu jirreġistraw ***fis-sistema elettronika ta' liċenzjar***. Konsegwentement, id-detenturi tal-armi tan-nar li jibbenefikaw mis-simplifikazzjonijiet amministrattivi ma għandhomx għaliex jirreġistraw fis-sistema. ***Fejn diġà jeżistu sistemi nazzjonali bl-istess funzjonalitajiet jew funzjonalitajiet simili, tista' tiġi stabbilita interkonnessjoni bejniethom u s-sistema elettronika ta' liċenzjar, sabiex l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' importazzjoni u esportazzjoni mogħtija jkunu disponibbli f'bażi tad-data ċentrali***

waħda.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Sabiex jiġu stabbiliti l-karatteristiċi tekniċi tal-armi tan-nar nofshom lesti u tal-komponenti essenzjali, biex jiġu emendati l-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament ***u*** tinżamm il-lista tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom , il-munizzjon u l-armi tal-allarm u tas-sinjal li għalihom hija meħtieġa awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-allinjament tal-Anness I ta' dan ir-Regolament mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[43] u mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/555 ***u għall-istabbiliment*** tal-karatteristiċi tekniċi tal-armi tan-nar nofshom lesti u tal-komponenti essenzjali ***u*** fir-rigward tal-adattament tal-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament mad-diġitalizzazzjoni u mal-bidliet fil-proċeduri doganali . Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anki fil-livell ta' esperti u li dawn il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[44]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-	(47) Sabiex jiġu stabbiliti l-karatteristiċi tekniċi tal-armi tan-nar nofshom lesti u tal-komponenti essenzjali, biex jiġu emendati l-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament***, biex*** tinżamm il-lista tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom, il-munizzjon u l-armi tal-allarm u tas-sinjal li għalihom hija meħtieġa awtorizzazzjoni skont ***dan ir-Regolament u biex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti regolati minn*** dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-allinjament tal-Anness I ta' dan ir-Regolament mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[43] u mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/555***, fir-rigward tal-istabbiliment*** tal-karatteristiċi tekniċi tal-armi tan-nar nofshom lesti u tal-komponenti essenzjali***,*** fir-rigward tal-adattament tal-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament mad-diġitalizzazzjoni u mal-bidliet fil-proċeduri doganali ***u fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anki fil-livell ta' esperti u li dawn il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[44]. B'mod partikolari, biex tiġi

tħejjija ta' atti delegati.

żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

[43] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[44] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[43] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[44] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 49a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	49a. "data personali" tfisser data personali kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2016/679;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija ammissibbli f'konformità mal-Artikolu 110(3) tar-Regoli ta' Proċedura peress li hija marbuta b'mod inseparabbli mal-Emendi 28 u 29, li jittrattaw il-protezzjoni tad-data personali fil-bażijiet tad-data li għadhom kif ġew introdotti bir-riformulazzjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 8 − paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-armi tal-allarm u tas-sinjal li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjonijiet	2. Mad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-armi tal-allarm u tas-sinjal li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjonijiet

tekniċi msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2021/555 għandhom jiġu kklassifikati bħala armi tan-nar skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.	tekniċi msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2021/555 għandhom jiġu kklassifikati bħala armi tan-nar skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament ***u jkunu soġġetti għall-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 8 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'każ ta' prattiki nazzjonali diverġenti, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu lista ta' armi tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' kumitat imsemmija fl-Artikolu 37.	4. F'każ ta' prattiki nazzjonali diverġenti, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu lista ***miftuħa*** ta' armi tal-allarm u tas-sinjal mhux konvertibbli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' kumitat imsemmija fl-Artikolu 37.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-importazzjoni ta' arma tan-nar, komponent essenzjali, munizzjon u armi tal-allarm u tas-sinjal fit-territorju doganali tal-Unjoni. Tali awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tiġi stabbilita skont il-formola stabbilita fl-Anness II, il-parti I. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-importatur u għandha tinħareġ ***b'mezzi elettroniċi,*** permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28.	1. Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-importazzjoni ta' arma tan-nar, komponent essenzjali, munizzjon u armi tal-allarm u tas-sinjal fit-territorju doganali tal-Unjoni. Tali awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tiġi stabbilita skont il-formola stabbilita fl-Anness II, il-parti I. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-importatur u għandha tinħareġ permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jieħdu dawn id-deċiżjonijiet, għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet doganali permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jieħdu dawn id-deċiżjonijiet, għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet doganali permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28***, hekk kif ikunu ttieħdu dawn id-deċiżjonijiet u mhux aktar tard minn jumejn ta' xogħol wara***.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi awtorizzazzjoni ġenerali għall-importazzjoni tal-Unjoni ***u l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom u l-munizzjon minn operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sikurezza u s-sigurtà skont l-Artikolu 38(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013***. ***Dawn l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2).	8. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi awtorizzazzjoni ġenerali għall-importazzjoni tal-Unjoni. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jkun adottat*** f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2).

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-importatur ma għandux ikollu jħallas tariffa jew imposta għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, ħlief għal tariffi ***ta' skorta***.	9. L-importatur ma għandux ikollu jħallas tariffa jew imposta għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, ħlief għal tariffi ***għall-iskorta tal-kunsinni***.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu minn dokumenti elettroniċi għall-għan ta' pproċessar tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni.	***imħassra***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi awtorizzazzjoni ġenerali ***għall-esportazzjoni*** tal-Unjoni ***u l-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni ta' armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom u l-munizzjon minn operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sikurezza u s-sigurtà skont l-Artikolu 38(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013***. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** f'konformità mal-proċedura konsultattiva	7. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi awtorizzazzjoni ġenerali ***għall-importazzjoni*** tal-Unjoni. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jkun adottat*** f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37.

msemmija fl-Artikolu 37.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-esportatur ma għandux ikollu jħallas tariffa jew imposta għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew ta' tranżitu intra-UE, ħlief għal tariffi ***ta' skorta***.	8. L-esportatur ma għandux ikollu jħallas tariffa jew imposta għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew ta' tranżitu intra-UE, ħlief għal tariffi ***għall-iskorta tal-kunsinni***.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrifjutaw, iħassru, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, għandhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28.	3. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrifjutaw, iħassru, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, għandhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28. ***Dak l-obbligu li l-informazzjoni ssir disponibbli huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura ta' appell li tista' tkun applikabbli skont il-liġi nazzjonali.***

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtoritajiet kompetenti	4. Meta l-awtoritajiet kompetenti

jkunu ssospendew awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, il-valutazzjoni finali tagħhom għandha tkun ikkomunikata lill-Istati Membri l-oħra fl-aħħar tal-perjodu ta' sospensjoni permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28.	jkunu ssospendew awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, il-valutazzjoni finali tagħhom għandha tkun ikkomunikata lill-Istati Membri l-oħra fl-aħħar tal-perjodu ta' sospensjoni permezz tas-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28***, hekk kif issir din il-valutazzjoni finali u mhux iżjed tard minn jumejn ta' xogħol wara***.
	Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu rrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, il-valutazzjoni finali tagħhom għandha tiġi rreġistrata fis-sistema msemmija fl-Artikolu 29.	5. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu rrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, il-valutazzjoni finali tagħhom għandha tiġi rreġistrata fis-sistema msemmija fl-Artikolu 29***, hekk kif issir din il-valutazzjoni finali u mhux iżjed tard minn jumejn ta' xogħol wara***.
	Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-awtorità kompetenti għandha ttella' l-prova tar-riċeviment imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fis-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28. Meta l-awtorità kompetenti ma tiksibx prova tar-riċeviment mill-esportatur, hija għandha tirreġistra dik l-informazzjoni f'dik is-sistema elettronika ta' liċenzjar.
	Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tikseb konferma tar-riċeviment mill-pajjiż terz importatur kif stipulat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tirreġistra dik l-informazzjoni fis-sistema elettronika ta' liċenzjar imsemmija fl-Artikolu 28.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw mill-qrib u jiskambjaw informazzjoni.	1. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw mill-qrib u ***regolarment*** jiskambjaw informazzjoni.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom raġuni biex jemmnu li l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon tagħhom u l-armi tal-allarm u tas-sinjal elenkati fl-Anness I, li jkunu maħżuna b'mod temporanju jew imqiegħda taħt xi proċedura doganali ma jkunux konformi, minbarra li jieħdu l-miżuri meħtieġa kif deskritt fl-Artikolu 22 għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-	3. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom raġuni biex jemmnu li l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali, il-munizzjon tagħhom u l-armi tal-allarm u tas-sinjal elenkati fl-Anness I, li jkunu maħżuna b'mod temporanju jew imqiegħda taħt xi proċedura doganali ma jkunux konformi, minbarra li jieħdu l-miżuri meħtieġa kif deskritt fl-Artikolu 22 għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-awtoritajiet kompetenti ***mingħajr***

awtoritajiet kompetenti.	***dewmien***.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu l-importazzjoni tal-merkanzija għall-proċedura doganali kkonċernata jekk ikollhom ***ċerti*** dubji, u f'tali każ għandhom jinformaw lill-awtorità nazzjonali kompetenti, bil-mezzi elettroniċi, li għandha tieħu d-deċiżjoni dwar it-trattament tal-merkanzija. Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tweġibx lill-awtorità doganali fi żmien 10 ijiem ta' xogħol, l-awtorità doganali għandha tirrilaxxa l-merkanzija.	L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu l-importazzjoni tal-merkanzija għall-proċedura doganali kkonċernata jekk ikollhom dubji ***raġonevoli***, u f'tali każ għandhom jinformaw ***minnufih*** lill-awtorità nazzjonali kompetenti, bil-mezzi elettroniċi, li għandha tieħu d-deċiżjoni dwar it-trattament tal-merkanzija. Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tweġibx lill-awtorità doganali fi żmien 10 ijiem ta' xogħol, l-awtorità doganali għandha tirrilaxxa l-merkanzija ***mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-awtoritajiet doganali jiskopru spedizzjoni illeċita ta' armi tan-nar, il-komponenti, il-munizzjon tagħhom jew ta' armi tal-allarm u tas-sinjal, għandhom jinfurmaw b'dan mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tal-awtorità doganali. Dik l-awtorità kompetenti għandha:	Jekk l-awtoritajiet doganali jiskopru spedizzjoni illeċita ta' armi tan-nar, il-komponenti, il-munizzjon tagħhom jew ta' armi tal-allarm u tas-sinjal, għandhom jinfurmaw b'dan mingħajr dewmien ***u mhux iżjed tard minn jumejn ta' xogħol minn mindu jiskopru dan*** lill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tal-awtorità doganali. Dik l-awtorità kompetenti għandha:

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet doganali li jkunu skoprew l-ispedizzjoni illeċita ta' armi tan-nar, komponenti u munizzjon tagħhom, għandhom jissekwestraw l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom, il-munizzjon jew l-armi tal-allarm u tas-sinjal sakemm l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni tkun iddeċidiet mod ieħor u tkun ikkomunikat din id-deċiżjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tal-awtorità doganali li fih tkun maqbuda l-ispedizzjoni illegali ta' armi tan-nar, komponenti u munizzjoni tagħhom jew ta' armi tal-allarm u tas-sinjal.	L-awtoritajiet doganali li jkunu skoprew l-ispedizzjoni illeċita ta' armi tan-nar, komponenti u munizzjon tagħhom, għandhom jissekwestraw l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom, il-munizzjon jew l-armi tal-allarm u tas-sinjal sakemm l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni tkun iddeċidiet mod ieħor u tkun ikkomunikat din id-deċiżjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tal-awtorità doganali li fih tkun maqbuda l-ispedizzjoni illegali ta' armi tan-nar, komponenti u munizzjoni tagħhom jew ta' armi tal-allarm u tas-sinjal. ***Meta l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni tkun ħadet tali deċiżjoni, hija għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet doganali li jkunu skoprew l-ispedizzjoni illeċita, bil-miktub mhux aktar tard minn jumejn ta' xogħol minn meta tittieħed dik id-deċiżjoni.***

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-data dwar is-sekwestru għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja, ***jekk*** tkun disponibbli:	3. Id-data dwar is-sekwestru għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja, ***meta*** tkun disponibbli:

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-mezzi tat-trasport u n-nazzjonalità tal-kumpanija jew tal-persuna tat-trasport, inkluż skont il-każ "kontejner", "trakk jew vann", "vettura personali", "xarabank jew kowċ", "ferrovija", "avjazzjoni kummerċjali", "avjazzjoni ġenerali" jew "merkanzija u pakketti postali";	(g) il-mezzi tat-trasport u n-nazzjonalità tal-kumpanija jew tal-persuna tat-trasport, inkluż skont il-każ "kontejner", "trakk jew vann", "vettura personali", "xarabank jew kowċ", "ferrovija", "avjazzjoni kummerċjali", "avjazzjoni ġenerali" jew "merkanzija u pakketti postali"***, flimkien ma', fejn applikabbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-mezzi tat-trasport użati***;

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull sena sal-31 ta' Lulju, l-Istati Membri għandhom jibagħtu ***lill-Kummissjoni*** b'mod kunfidenzjali ***permezz ta' email id-data*** annwali nazzjonali tagħhom għas-sena preċedenti dwar:	1. Kull sena sal-31 ta' Lulju, l-Istati Membri għandhom jibagħtu b'mod kunfidenzjali ***lill-Kummissjoni d-data*** annwali nazzjonali tagħhom għas-sena preċedenti dwar:

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli għall-funzjonament tas-sistema elettronika ta' liċenzjar, inklużi regoli relatati ***mal-ipproċessar*** ta' data ***personali*** u ***l-iskambju*** ta' ***data ma' sistemi oħra tal-IT***. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37.	2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli għall-funzjonament tas-sistema elettronika ta' liċenzjar, inklużi regoli relatati ***mal-iskambju*** ta' data ***ma' sistemi oħra tal-IT ta' korpi tal-Unjoni*** u ***ta' awtoritajiet*** ta' ***Stati Membri kompetenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva

msemmija fl-Artikolu 37.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-ipproċessar ta' data personali fis-sistema elettronika ta' liċenzjar għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 jew mar-Regolament (UE) 2016/679, kif applikabbli.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-ipproċessar ta' data personali fis-sistema żviluppata jew magħżula skont il-paragrafu 1 għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 jew mar-Regolament (UE) 2016/679, kif applikabbli.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxu li l-miżuri ta' kontroll fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ***ikunu*** applikati kif suppost, li jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu l-awtorità li jidħlu fil-binjiet ta' persuni b'interess fi tranżazzjoni	(b) jistabbilixxu li l-miżuri ta' kontroll fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ***jkunu*** applikati kif suppost, li jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu l-awtorità li jidħlu fil-binjiet ta' persuni b'interess fi tranżazzjoni ta' esportazzjoni***, mingħajr preġudizzju***

ta’ esportazzjoni.	***għal-liġi tal-Istati Membri li tirrikjedi ordni tal-qorti biex tiġi eżerċitata din l-awtorità***.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jinforma ***lill-Istati Membri l-oħra u*** lill-Kummissjoni dwar	Sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorità nazzjonali ***f’kull Stat Membru*** responsabbli mill-kontroll integrali tal-armi tan-nar u l-koordinazzjoni tal-awtoritajiet differenti b’kompetenzi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar (punti fokali nazzjonali dwar l-armi tan-nar);	(a) l-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll integrali tal-armi tan-nar u l-koordinazzjoni tal-awtoritajiet differenti b’kompetenzi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar (punti fokali nazzjonali dwar l-armi tan-nar);

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Abbażi ta’ din l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna fis-sit web tagħha lista ta’ dawn l-awtoritajiet kull sena	Abbażi ta’ din l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippubblika u***, f’każ ta’ kwalunkwe bidla,*** taġġorna fis-sit web tagħha lista ta’ dawn l-awtoritajiet kull

sena

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom mill-operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sikurezza u s-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 38(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 952/2013;

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni ta' armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom mill-operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-sikurezza u s-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 38(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 952/2013.

Or. en